VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,639, 16 ta' Settembru, 2016
Taqsima B

A.L. 307 tal-2016

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni tal-2016 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamlet dan l-ordni li ġej:-

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2016 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-25 ta' Awwissu, 2016.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk, magħruf bħala Blokk A1 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Marg, Attard. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Trejqa tax-Xagħri, mill-Majjistral ma' spazju miftuħ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq il-Marg. Il-*flat* enumerat 2 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 72705 u l-*flats* enumerati 5 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala 72708 u 72709. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50195 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A1" fuq il-pjanta P.D. 2016_0847 (HAA 80/2016).

(2) Blokk, magħruf bħala Blokk A2 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq l-Isptar, Attard. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' spazju miftuħ pubbliku u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku li jagħti għal Triq l-Isptar. Il-*flats* enumerati 2 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72711 sa

VERŻJONI ELETTRONIKA

72715. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50195 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A2" fuq il-pjanta P.D. 2016_0884 (HAA 81/2016).

(3) Blokk, magħruf bħala Blokk A4 li jikkonsisti f'sitt *flats* fi Triq l-Isptar, Attard u dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' spazju miftuħ pubbliku u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku li jagħti għal Triq l-Isptar. Il-*flats* enumerati 1 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72722 sa 72727. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50195 u fuq art akkwistata b'Kuntratt Nru. 261/77 datat 14 ta' Diċembru 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A4" fuq il-pjanta P.D. 2016_0881 (HAA 82/2016).

(4) Blokk, magħruf bħala Blokk A5 li jikkonsisti f'sitt *flats* fi Triq l-Isptar, Attard u dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' spazju miftuħ pubbliku u mill-Grigal ma' passaġġ pubbliku li jagħti għal Triq l-Isptar. Il-*flats* enumerati 1 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 72728 sa 72733. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50195 u fuq art akkwistata b'Kuntratt Nru. 261/77 datat 14 ta' Diċembru 1977 fl-atti tan-Nutar A. Grech u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A5" fuq il-pjanta P.D. 2016_0882 (HAA 83/2016).

(5) Blokk, magħruf bħala Blokk 2 li jikkonsisti f'wieħed u għoxrin *flat*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq l-Arċisqof Mattei u Triq iż-Żewġ Mini, Misraħ George Mitrovich, Isla. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq l-Arċisqof Mattei, mix-Xlokk ma' Misraħ George Mitrovich u mill-Grigal ma' Triq iż-Żewġ Mini. Il-*flat* enumerat 1 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 62462 u l-*flats* enumerati 3 sa 21 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 62464 sa 62482. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bid-Dikjarazzjoni tal-President Nru. 982 datat 22 ta' Novembru 2006 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2016_0878 (HAA 230/2011).

(6) Blokk, magħruf bħala Blokk A2 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi

VERŻJONI ELETTRONIKA

Triq is-Sifa, Mellieħa. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' spazju miftuħ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq is-Sifa. Il-*flats* enumerati 1, 3 u 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69272, 69274 u 69277 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50222 portion 14 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A2" fuq il-pjanta P.D. 2016_0844 (HAA 113/2011).

(7) Blokk, magħruf bħala Blokk B1 li jikkonsisti f'sitt *flats* fi Triq is-Sifa, Mellieħa u jmiss mil-Lbiċ u mill-Majjistral ma' spazju miftuħ pubbliku u mill-Grigal ma' Triq is-Sifa. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 69283 sa 69287 u l-*flat* enumerat 6 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru X50529. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50222 portion 14 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK B1" fuq il-pjanta P.D. 2016_0845 (HAA 78/2016).

(8) Blokk, magħruf bħala Blokk B3 li jikkonsisti f'sitt *flats*, li minnhom tnejn qed jiġu esklużi mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, fi Triq Vincenzo Ciappara, Mellieħa. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral u mill-Grigal ma' spazju miftuħ pubbliku u mil-Lbiċ ma' Triq Vincenzo Ciappara. Il-*flats* enumerati 3 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70118 sa 70121. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50222 portion 14 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK B3" fuq il-pjanta P.D. 2016_0880 (HAA 57/2011).

(9) Blokk, magħruf bħala Blokk A4 li jikkonsisti f'seba' *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, fi Triq il-Muna, Mellieħa. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ ma' Triq Vincenzo Ciappara, mill-Majjistral ma' Triq il-Muna u mill-Grigal ma' spazju miftuħ pubbliku. Il-*flats* enumerati 1 u 1A jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70102 u 70103 rispettivament u l-*flats* enumerati 3 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 70105 sa 70108. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern li qabel kienet tifforma parti minn Tenement Nru. 50222 portion 14 u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "BLOCK A4" fuq il-pjanta P.D. 2016_0841 (HAA 103/2011).

(10) Blokk, magħruf bħala Blokk E, Entratura B li

VERŻJONI ELETTRONIKA

jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluż mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, f'Binja Indipendenza, Triq il-Qalbiena, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq il-Qalbiena. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76744 u 76745 rispettivament l-*flats* enumerati 4 u 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76747 u 76748 rispettivament u l-*flat* enumerat 8 jinsab reġistrat mal-Gvern bħala *Tenement* bin-numru 76751. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block E" fuq il-pjanta P.D. 2016_0797 (HAA 54/2016).

(11) Blokk, magħruf bħala Blokk E, Entratura F li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, f'Binja Indipendenza, Triq taż-Żwejt, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq id-Disgħa ta' Frar 1799, mil-Lbiċ ma' Triq taż-Żwejt u mix-Xlokk ma' Triq il-Qalbiena. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76752 sa 76756 u l-*flats* enumerati 7 u 8 jinsau reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76758 u 76759 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block E" fuq il-pjanta P.D. 2016_0786 (HAA 55/2016).

(12) Blokk, magħruf bħala Blokk F, Entratura A li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, f'Binja 21 ta' Settembru 1964, Triq Dun Frans Camilleri, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq Dun Frans Camilleri. Il-*flats* enumerati 1 sa 5 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76688 sa 76692 u l-*flats* reġistrati 7 u 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76694 u 76695 rispettivament. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block F" fuq il-pjanta P.D. 2016_0734 (HAA 62/2013).

(13) Blokk, magħruf bħala Blokk F, Entratura B li jikkonsisti fi tmien *flats* f'Binja 21 ta' Settembru 1964, Triq

VERŻJONI ELETTRONIKA

Dun Frans Camilleri, San Ġwann u dan il-blokk imiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq Dun Frans Camilleri. Il-*flats* enumerati 1 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76696 sa 76703. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block F" fuq il-pjanta P.D. 2016_0784 (HAA 56/2016).

(14) Blokk, magħruf bħala Blokk F, Entratura C li jikkonsisti fi tmien flats, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, f'Binja 21 ta' Settembru 1964, Misraħ Vincenzo Borg Brared, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Qalbiena, mill-Grigal ma' Misraħ Vincenzo Borg Brared u mix-Xlokk ma' Triq Dun Frans Camilleri. Il-*flats* enumerati 2 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76705 sa 76711. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block F" fuq il-pjanta P.D. 2016_0790 (HAA 57/2016).

(15) Blokk, magħruf bħala Blokk F, Entratura D li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom tlieta qed jiġu eskluži mit-trasferiment minħabba li kienu diġà trasferiti b'avviż legali preċedenti, f'Binja 21 ta' Settembru 1964, Triq il-Qalbiena, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq il-Qalbiena. Il-*flats* enumerati 1 u 2 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76712 u 76713 rispettivament u l-*flats* enumerati 5 sa 7 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76716 sa 76718. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block F" fuq il-pjanta P.D. 2016_0783 (HAA 58/2016).

(16) Blokk, magħruf bħala Blokk F, Entratura E li jikkonsisti fi tmien *flats* f'Binja 21 ta' Settembru 1964, Triq il-Qalbiena, San Ġwann u dan il-blokk imiss mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' Triq il-Qalbiena. Il-*flats* enumerati 1 sa 8 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76720 sa 76727. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block F" fuq il-pjanta P.D. 2016_0782 (HAA 59/2011).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(17) Blokk, magħruf bħala Blokk F, Entratura F li jikkonsisti fi tmien *flats*, li minnhom wieħed qed jiġi eskluż mit-trasferiment minħabba li kien diġà trasferit b'avviż legali preċedenti, f'Binja 21 ta' Settembru 1964, Triq taż-Żwejt, San Ġwann. Dan il-blokk imiss mill-Majjistral ma' Triq il-Qalbiena, mil-Lbiċ ma' Triq taż-Żwejt u mix-Xlokk ma' Triq Dun Frans Camilleri. Il-*flats* enumerati 1 sa 6 jinsabu reġistrati mal-Gvern bħala *Tenements* bin-numri 76728 sa 76733 u l-*flat* enumerat 8 jinsab reġistrat bħala *Tenement* bin-numru 76735. Dan il-blokk jinsab fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini (Att 1 tal-1983) u l-blokk sħiħ jinsab delineat bl-aħmar u mmarkat "Block F" fuq il-pjanta P.D. 2016_0781 (HAA 90/2011).